

32005R0305

L 52/6

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

25.2.2005

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 305/2005**tad-19 ta' Ottubru 2004****li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 312/2003 rigward il-kwoti tat-tariffi għal ċerti prodotti li joriġinaw miċ-Ċili**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 312/2003 li jimplimenta d-disposizzjonijiet tat-tariffi tal-Komunità stabbiliti fil-Ftehim li jstabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika taċ-Ċili, minn naħa l-oħra ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 312/2003 jimplimenta d-disposizzjonijiet tat-tariffi tal-Komunità stabbiliti fil-Ftehim li jstabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika taċ-Ċili, minn naħa l-oħra ⁽²⁾.

(2) Skont id-Deċiżjoni 2005/106/KE ⁽³⁾ il-Kunsill approva Protokoll għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċili, min-naħa l-oħra, sabiex jikkunsidra l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika tal-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika tal-Ungerija, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja, u tar-Repubblika Slovakkja fl-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Protokoll"). Il-Protokoll jinkludi konċessjonijiet għal tariffi Komunitarji għodda, li wħud minnhom huma limitati bil-kwoti tat-tariffi. L-implimentazzjoni ta' dawn il-kwoti tat-tariffi teħtieġ li jiġi emendat ir-Regolament (KE) Nru 312/2003.

(3) Il-volum tal-kwoti tat-tariffi għat-tewm (l-ordni Nru 09.1925), għall-għeneb tal-mejda (l-ordni Nru 09.1929) u għall-kiwi (l-ordni Nru 09.1939) għandu jiddied fuq bażi annwali b'ħamsa fil-mija tal-kwantità oriġinali.

(4) Għall-2004, il-volum tal-kwoti tat-tariffi Komunitarji l-ġodda għandu jkun limitat b'mod proporzjonali għall-perjodu li matulu l-kwoti tat-tariffi l-ġodda jkunu miftuħa.

(5) Peress li l-Protokoll jeħtieġ li l-konċessjonijiet għat-tariffi Komunitarji l-ġodda għandhom jiġu applikati mill-1 ta' Mejju 2004, dan ir-Regolament għandu japplika mill-istess data u jidħol fis-seħħ kemm jista' jkun malajr.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma b'mod konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness għar-Regolament (KE) Nru 312/2003 qed jiġi emendat kif stabbilit fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

1. Għall-2004, il-volumi tal-kwoti tat-tariffi għall-ordnijiet Nru 09.1937, 09.1939 u 09.1941 għandhom jiġu limitati għal tmienja fuq tnax ta' kull volum annwali rispettiv. Il-frazzjonijiet ta' kilogramma għandhom jiġu miżjuda għad-dritt sal-eqreb kilogramm sħiħ.

2. Għall-2004, il-kwantitajiet supplementari ta' 20 tunnellata u ta' 1 000 tunnellata għandhom jiddiedu, rispettivament, mal-kwoti tat-tariffi għall-ordnijiet Nru 09.1925 u 09.1929.

⁽¹⁾ ĠU L 46, 20.2.2003, p. 1

⁽²⁾ ĠU L 352, 30.12.2002, p. 3.

⁽³⁾ ĠU L 38, 10.2.2005, p. 1.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Ħlief għall-punti (1) u (2) tal-Anness, dan għandu japplika mill-1 ta' Mejju 2004.

Il-punti (1) u (2) tal-Anness għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2005.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 19 ta' Ottubru 2004.

Għall-Kummissjoni
Frederik BOLKESTEIN
Membru tal-Kummissjoni

ANNEX

Fl-Anness għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 312/2003, it-tabella hija emendata kif ġej:

- (1) Għall-ordni Nru 09.1925, ir-raba' kolonna, il-volum jinbidel għal 530 tunnellata.

Wara l-2005, il-volum annwali tal-kwota tat-tariffa għandu jiżdied suċċessivament kull sena b'ħamsa fil-mija ta' dan il-volum.

- (2) Għall-ordni Nru 09.1929, ir-raba' kolonna, il-volum jinbidel għal 38 500 tunnellata.

Wara l-2005, il-volum annwali tal-kwota tat-tariffa għandu jiżdied suċċessivament kull sena b'ħamsa fil-mija ta' dan il-volum.

- (3) Għandhom jiżdiedu dawn ir-ringieli li ġejjin:

"09.1937 (*)	0303 29 00	Ħut, iffriżat	725 tunnellata	100
	0303 78 12			
	0303 78 19			
	0304 20 53	Flettijiet tal-ħut u laħam ieħor tal-ħut, frisk, imkessaħ jew iffriżat		
	0304 20 56			
	0304 20 58			
	0304 20 91			
0304 20 94				
0304 90 05				
09.1939	0810 50 00	Kiwi	1 000 tunnellata ⁽²⁾	100
09.1941 (**)	1604 15 19	Kavalli ppreparati jew ippreżervati	90 tunnellata	100

(*) Din il-kwota tat-tariffa għandha tapplika għall-2004 u għal kull sena kalendarja minn hemm 'il quddiem li tibda mill-1.1.2005 sakemm din tiskadi fil-31.12.2012.

(**) Din il-kwota tat-tariffa għandha tapplika għall-2004 u għal kull sena kalendarja minn hemm 'il quddiem li tibda mill-1.1.2005 sakemm din tiskadi fil-31.12.2006."